MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 165/2012

**Assocjazzjoni tal-Hwienet ta’ Wied il-Ghajn u tal-GRTU**

**vs**

**L-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u**

**l-kjamat in kawza Dr. Anthony Gruppetta**

**f’isem Malta Centre for Fisheries**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Assocjazzjoni tal-Hwienet ta’ Wied il-Ghajn u tal-GRTU tas-17 ta’ Ottubru 2012 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-27 ta’

Settembru 2012 fejn cahdet l-appell u ikkonfermat il-hrug tal-permess PA 87/04 'site at south east of Malta 6km away from shore, off Xrobb l-Ghagin l/o Marsaxlokk: Development of an acquaculture zone south east of Malta';

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat li Malta Centre for Fisheries ma ipprezentawx risposta;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:

A. Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, fit-22 ta' Dicembru 2005, approvat l-applikazzjoni ghall-permess tal-izvilupp PA 87/04 "Site at South East of Malta 6 km away from shore off, Xrobb l-Ghagin, l/o Marsaxlokk: Development of an acquaculture zone south-east of Malta."

B. In-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Prof. Ian Refalo ghall-Appellant, pprezentata fil-11 ta' Jannar 2006, precizament il-punti segwenti:

"1. Il-procedura adottata mill-Awtorita' ghall-hrug ta' dan il-permess kienet wahda irregolari u mhux skond il-ligi billi ma t ghatx opportunita' shiha u kif trid l-istess ligi biex kull min jkun qieghed joggezzjona jkun jaf fid-dettal dak li jkun propost li qieghed jsir u jkun jista' jaghmel argumenti effettivi;

2. Li il-permess inhareg minghajr ma qabel saret SEA, studju li skond id-direttivi u regolamenti vigenti, in partikolari dawk ewropej, kienet rikjesta ghall-applikazzjoni bhal dik tad-direttur;

3. Li d-decizjoni kif ttiehdet tinvolvi delegazzjoni mhix permessa tal-Awtorita’ li tinsab f’idejn l-AWtorita’ dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li-Direttur tas-Sajd, b’mod li hwejjed li suppost jkunu regolati fil-permess issa gew thallew kompletament fil-liberu arbitriju tad-direttur u b’dan il-mod l-appellanti sejrin jsofru pregudizzju serjissimu;

4. Li d-decizjoni biex wiehed jippermetti tali tip ta’ zvilupp ma kenitx wahda ghalqija u ha tkun ta’ dannu serju jekk dawn jigu mgieghla jirrilokaw minghajr ma tinghata attenzjoni specjali u specifika lill-kondizzjoni partikolari taghhom;

5. Li tali zvilupp ghalhekk jikkostitwixxi dak li jissejjha bad neighbourliness u ghalhekk ma ghandux jigi permess li jsir kif propost li qieghed jsir;

6. Li tali zvilupp huwa eccessiv meta jiehu il-karattru tieghu taht kwalisiasi aspett dak li qed jigi propost huwa li aktar minn nofs tat-tonn kollu li jitkabbar fil-medietteran jitkabbar f’din l-arja ristretta; wara bieb propju tal-appellanti u ghalhekk id-dannu li dawn ser jsofru huwa ferm evidenti.

7. Li tali zvilupp huwa anke impermissibbli mil-punto do vista civili minghajr ma wiehed fil-kwistjoni ta’ permess, billi jikkostitwixxi abbuz tad-dritt billi jinvolvi l-uzu b’mod sproporjonat ta’ dak li jista’ jkun dritt ta’ min jkun qieghed jaghmlu;

8. Li l-fatt li l-operazzjoni li tird issir fuq l-art b’ebda mod ma giet ikkunsidrata mill-Awtorita’ hija difett serju li jinficja l-process kollu ghall-hrug tal-permess.”

Ma n-nota gie anness rapport dettalijat ta’ ben sittax il-pagna li jelenka f’id-dettal l-oggezzjonijiet kollha tal-Appellanti kifipprezentatai fin-nota suesposta.

C. In-nota ta’ l-Avukat Dott. Anthony DeGaetano ghall-Awtorita’, ipprezentata fl-14 ta’ Frar 2005, senjatament il-punti segwenti:

“Illi preliminarjament l-appell hu null stante li l-istess appellant m’ghamlux oggezzjonijiet mil-ligi wara li l-istess zvilypp gie ppublikat skond il-Ligi, fil-5 ta’ Gunju 2004 […] u cjo’e sal-20 t a’ Gunju, 2004 biex ikunu jistghu jzommu d-dritt ta’l-appell.

Fil-fatt l-istess appellanti qatt ma oggezzjonaw skond il-Ligi biex illum ikunu jistghu jappellaw

Ghaldaqstant, l-istess appell ta' l-appellanti odjerni hu null u bla effett;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu d-decizjoni tal-MEPA Board kien korrett u skond il-ligi, kif ser jigi spjegat fid-dettal, f'kaz li l-ewwel eccezzjoni preliminari tigi rifjutata."

D. Il-verbal tas-Seduta numru 8 tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, mizmuma fit-8 ta' Marzu 2006, inter alia l-punti segwenti:

"[L-Avukat] Dott. Owen Bonnici informal ill-Bord illi ghan-nom tal-Kunsill Lokali ta' Wied il-Ghajn jitlob illi in vista ta' kawza kostituzjonali prezenti quddiem il-Prim Awla Sede Kostituzjonali li fil-mertu taghha hemm punt legali konsolanti mal-kaz odjern, dan il-Bord jissoprasedi s-smiegh ta' dan l-appell.

[L-Avukat Dott. Anthony] DeGaetano [ghall-Awtorita'] jivverbalizza li fil-fatt it-talba ghas-soprasessjoni fil-kaz imsemmi gie michud minn dan il-Bord diversament compost b'digriet wara li l-partijiet b'noti u verbalment.''

E. Il-verbal tas-Seduta numru 15 tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, mizmuma fl-10 ta' Mejju 2006, inter alia l-punti segwenti:

"[L-Avukat] Dott. Owen Bonnici issottometta illi l-publikazzjoni tal-applikazzjoni kif dehret fil-gazzetti fil-5 ta' Gunju 2004 tindika li s-sit Xorb l-Ghagin, l/o M'Xlokk, eventwalment u skond ittra tal-MEPA tal-11 ta' Awwissu 2004, il-Kunsill Lokali appellanti gie mitlub illi jaghti l-kummenti tieghu, u f'din il-korrispondenza s-sit gie indikat ukoll bhala Xrobb l-Ghagin, l/o M'Xlokk.

Dr. Bonnici ipprezenta wkoll estratt mill-EIS kif ukoll sejha ghal konsultazzjoni Pubblika fejn l-indirizz hu indikat bhala Ras iz-Zonqor, M'Scala u issottometta illi kien wara illi l-Kunsill Lokali kien ircieva dawn id-dokumenti illi kien innota illi s-sit kien jinsab fil-fatt l/o M'Scala. Ghalhekk issottometta illi meta l-applikazzjoni kienet giet ipprezentata fil-gazzetti, is-sit ma kienx indikat korretament. Kopja tad-dokumenti gew esebiti u ndikati bhala AOB, AOC u AOD rispettivament."

F. In-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Avukati Prof. Ian Refalo u Dott. Mark Refalo ghall-Appellant, pprezentata fit-18 t’ Awissu 2006, precizament it-tlett punti segwenti:

“Fl-ewwel lok fil-mori u smiegh ta’ din l-eccezzjoni preliminari irrizulta apjament li hemm diskrepanza totali bejn is-sit li gie reklamat fl-avviz ta’ l-applikazzjoni u bejn is-sit fejn fil-fatt se jsir l-izvilupp de quo. Tant hu hekk li s-sit gie deskritt bhala ‘site at South East Malta 6km away from shore off Xrobb l-Ghagin, l/o Marsaxlokk.’’

L-esponent jissottometti li din id-deskrizzjoni moghti li l-izvilupp kien zbaljat tant li kienet misleading. Jigi rilevat li fil-pubblikazzjoni konnessi kollha mal-avviz ta’ din l-applikazzjoni;

Mill-indikazzjoni tas-sit fuq is-survey sheet tal-pjanijiet original ital-izvilupp huwa car li l-istess sit kien fil-maggoranza assoluta tieghu jinsab fil-bahar li jaqa’ fl-agwati ta’ Marsaskala u mhux Marsaxlokk;

Illi fl-emendi sussegwenti li saru ghal din l-istess applikazzjoni, iz-zona giet ridotta fid-daqs u spustajata ‘l fuq b’mod li issa bil-pjan kif propost tinsab kompletament fl-ambitu ta’ Marsaskala;

Tant kemm hu veru li l-izvilupp de quo jinsab fil-gurisdizzjoni ta’ Marsaskala l fil-verita’ m’ghandu x’jaqsam xejn mal-gurisdizzjoni ta’ Marsaxlokk illi kemm l-Environment Impact Assessment li jinhareg fit-12 ta’ Ottubru 2005 u kif ukoll fil-Konsultazzjoni Pubblika mahriga mill-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, F’Dicembru 205 (fiz-zewg kazi ferm wara li nghalaq zmien ghal oggezzjoni) is-sit gie indikata bhala : Zona ta’ Akwakultura fix-Xlokk ta’ Malta ‘l barra minn Ras iz-Zonqor, Marsaskala.’

Illi meta s-sit gie deskritt bhala off Xrobb l-Ghagin l/o Marsaxlokk dan halla ad intendere li s-sit kellu jkun fl-agwati tal-bajja kbira u popolari f’Marsaxlokk. Bil-konfigurazzjoni tal-irhula ta’ Marsaxlokk u Marsascala u c-centri u l-bajjiet taghhom, huma kompletament distinti b’mod li l-izvilupp fl-agwati ta’ Marsaxlokk ikollu effett mill-anqas fuq Marsaskala, specjalment ghal hwienet ta’ Marsaskala li fil-kaggjoranza taghhom huma sitwati fil-bajja ta’ San Tumas.

Anzi jigi rilevat ukoll li mill-mod kif l-izvilupp kien originarjament deskritt, l-esponenti kellu bazi biex jemmen li l-fishfarms gia prezenti f’Marsaskala kienu ser jigu spustjati ghal Marsaxlokk, b’mod li b’hekk kien ser jitnaqsilhom il-fastidju tal-

fishfarms u mhux jikber. U b'hekk ma kien ikollhom l-ebda interess li joggezzjonaw ghal tali zvilupp.

In oltre t-terminu sabiex oggezzjoni jiskata mal-pubblikazzjoni tal-avviz fil-gazzetti lokali u mhux mid-data li jitwahhal l-avviz fl-inhawi. Ghalhekk il-mod kif jgi deskritt sit f'tali pubblikazzjoni huwa ta' importanza assoluta u kwalsiasi zball jew inesattezza ghandha tannulla l-validita' tal-istess pubblikazzjoni.

Illi ghalhekk jidher car u manifest li l-uzu tal-kelma 'l/o Marsaxlokk' minflok 'Marsaskala' fl-avviz tal-applikazzjoni ghall-izvilupp de quo fil-prattika waslet biex tostor is-sit real ital-izvilupp u b'hekk effettivament nehhiet id-dritt lill-esponenti li joggezzjonaw fil-hin.

Fit-tieni lok in-notifika tal-avviz tal-izvilupp de quo kienet manifestiment invalidu u nulla fil-ligi stante li fost affarijiet ohra ma adempietx mad-dettami tal-Artiklu 32 (4). Ai termini tal-artiklu 32 (4), avviz irid jigi mwahhal fuq is-sit.

Fuq dan rilevat li ma jirrizulta minn ebda prova li n-notifika giet mwahhla fuq is-sit real ital-izvilupp ossija f'Marsaskala.

Illi fir-realta s-sit huwa zona ta' l-akwaklutura 'l barra minn Marsaskala, li ser ikollu effett ampju u massic :- il-progett kien originarjament pjanat li jkollu arja ta' 18-il kilometru u huwa intiz li jzomm il-kwota ta' qrib nofs it-tunnellagg tal-Meditteran kollu u kwindi huwa indubbjament progett maggur ai termini tal-istess artiklu. Liema artiklu jipprovdi : f'kas ta' progetti kbar l-Awtorita' tista' titlob lill-appellant li jippubblicizza l-applikazzjoni tieghu f'dik il-manjiera ohra li hija jidrilha xieraq. Il-Ministru jista' jippreskrivi metodi ohra biex tinaghata pubblivita' lill-applikazzjoni apparti dawn ta' hawn aktar qabel.

L-intenzjoni tal-ligi hija li kull persuna li tista' tkun milquta' minn zvilupp u li tista' jkollha interess li toggezzjona ghandha, kemm jista' jkun, jkollha l-opportunita' li ssir taf b'dak l-izvilupp biex tharres id-drittijiet taghha. Zgur li l-ligi ma tridx li f'kazijiet bhal dak prezenti,fejn il-progett qed isir fuq medda ta' diversi kilometri u fuq arja vasta,li n-notifika issir permezz ta' avviz imwahhal fuq punt wiehed biss. Wiehed jimmagina li bhala minimu avviz ta' tali zviupp kien jitwahhal f'punt prominenti,bhal per ezempju, l-kunsill lokali tal-post involut.

Ghaldaqstant ghal motivi premessi n-notifika kienet invalida fil-ligi.

Fit-tielet lok u bla hsara ghaz-zewg sottomissjonijiet indikati iktar ‘l fuq l-esponenti jissottometti li ma skattax l-obbligu fuqu li jaghmel oggezzjoni billi l-applikazzjoni kif originarjament maghmula mid-direttur tas-sajd kif inkorporata fil-project description statement li sar fil-kuntest tal-istess applikazzjoni u l-permess kif inhareg kienu tant differenti li kien jirrikjedi ripubblikazzjoni sa biex kull minn ikollu interess ikollu dritt effettiv li jaghmel oggezzjoni. Dawn id-differenzi jikkonsistu fis-segwenti:

• F’applikazzjoni originali il-biomass kienet intiza li tkun ta’ 5000 tunnellata waqt li fil-permess giet stipulate u ppermessa biomass ta’ 9000 tunnellata.

• Z-zona originarjament proposta kienet intiza biex takkommoda erba irziezet waqt li l-permess jippermetti li jigu akkommodati sitt irziezet.

• Iz-zona intiz ghall-aquakultura ckienet fis-sens li minn zona ta’ 6 bi 3 kilometri, cjoe arja ta’ 18 il-kilometru kwadrat, giet imnaqqsa ghall-zonata’ 3 bi 3 kilometri, u cjoe ghall-arja ta’ 9 kilometri kwadrati, nofs id-daqs originarjament propost.

• Iz-zona kienet intiza li takkommoda l-irziezet tal-bahar ta’ Malta, waqt li fil-permess giet ristretta ghall-rilokazzjoni tal-irziezet biss tan-nofs in-nhar ta’ Malta.

Dawn il-bidliet ifisser l-izvilupp huwa materjalment differenti minn kif kien originarjament: il-kwantita ta’ hut li ser izomm irdoppja waqt li z-zona giet imnaqqsa b’nofs. Matematikament dan ifisser li fiz-zona giet imnaqqsa b’nofs. Matematikament dan ifisser li fiz-zona fejn issa qed jigi propost l-izvilupp ser tkun sottopost ghal zvilupp erba’ darbiet iktar intensiva minn dak originarjament propost. Essenzjalment dan iffisser li qed isir tibdil (fil-kwantita u l-kwalita) tal-uzu fiz-zona ta’ l-izvilupp; liema tibdil jammonta ghal zvilupp differenti minn dak originarjament propost. Fejn qabel xi nies ma kienx ikollhom l-interess f’tali progett, issa ghadhom interess mill-akbar fih. Illi ghalhekk malli saru t-tidiliet kellu jinhareg avviz iehor fil-korrett.

Finalment l-esponenti jinnota li d-dritt ta’ oggezzjoni ghall-izvilupp kien originarjament ikkonfermat mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Ausitn Attard Montaldo vs Chairman ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar deciza fl-20 ta’ Awwissu 1996 (appell numru 434/94). Liema dritt gie sussegwentement inkorporat fil-Ligi, b’numru ta’ rekwisti imposti sabiex din id-dritt jisussisti. Ghalkemm il-ligi hija dik li hi, il-principju ta’ gustizzja naturali jirrikjedu li tali ligi ma tigix interpretata bmod daqstant formali li ccahhad persuna mid-dritt ta’ oggezzjoni meta d-deskrizzjoni tas-sit isir b’mod li jisgwida u l-applikazzjoni tigi materjalment mibdula wara li z-zmien impost mill-ligi ghall-oggezzjoni jkun skada.”

G. Id-decizjoni preliminari tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, PAB 5/06 TSC, PAB 9/06 TSC, PAB 15/06 TSC, PA 87/04, moghtija fit-8 ta’ Novembru 2006, inter alia l-punti segwenti:

“Illi jirrizulta minn ezami tal-file PA 87/04 illi l-appellanti oggezzjonaw kif ser jinghad:

L-Assoccazzjoni tal-Hwienet ta’ Wied il-Ghajn oggezzjonat permezz ta’ ittra datata 29 ta’ Lulju 2004 li, skond it-timbru fuq l-istess ittra wallet ghand l-Awtorita’ fl-10 ta’ Awissu 2004 kif ukoll skond email datat 29 ta’ Lulju 2004 li, skond it-timbru tidher illi infethet mill-Awtorita’ fit-30 ta’ Lulju 2004.

Il-Kunsill Lokali ta’ Wied il-Ghajn pggezzjona l-ewwel darba permezz ta’ ittra li mhijiex datata izda li skond it-timbru fuq l-istess ittra, walset ghand l-Awtorita’ fid-29 ta; Gunju 2004; […]

L-Appellanti Fish & Fish Limited u Malta Fish Farming Limited m’oggezzjonawx il-miktub ghall-izvilupp propost. […]

Minn ezami ta’ dawn is-subartikoli [32(4) u (5) tal-Kap 356], huwa car pero illi l-iskop wara dan il-provvediment huwa sabiex tinghata pubblicita kemm jista’ jkun lill-firxa wiesgha ta’ individwu u/jew entitajiet li jistghu jkunu interessati f’applikazzjoni partikolari. Ghal dan il-ghan, il-ligi ma tillimitax ruhha billi tesigi illi l-pubblicita tinghata biss bl-istampa izda timponi almenu zewg modi ohra sabiex tilhaq dan l-iskop, u dana kemm bit-twahhil tal-applikazzjoni mas-sit innifsu kif ukoll permezz ta’ notifika lill-Kunsill Lokali. […]

Is-sit ghalkemm gie deskritt illi kien jinsab “south east of Malta’’ kif ukoll illi kien jinsab sitt kilometri l’boghod mix-xatt ta’ Xrobb l-Ghagin, Marsazxlokk, ma gie allacjat ma’ ebda lokalita’ in partikolari, izda gie deskritt korrettement illi kien jinsab fin-National Territory. Ghalhekk kull min seta jaqra’ dan l-avviz, seta’ jasal sabiex jikknkludi illi dan l-izvilupp kien sejjer isir fil-bahar u li kien tali illi ma kienx qed jigi konness ma’ eda kusnill lokali izda kien ta’ importanza nazzjonali. […]

Il-Bord jinnota illi l-ibhra madwar Malta, ghalkemm jistghu jkunu ta’ importanza kbira ghal dawk il-Kunsill Lokali li huma imdawra imqar in parti bil-bahar, m’humiex inkluzi fil-konfini ta’ ebda Kunsill Lokali izda huma r-responsabilta’ tal-Gvern Centrali. Ghaldaqstant ma kien hemm evda oligu sabiex l-Awtorita’ tinforma lil xi Kunsill Lokali l-izvilupp propost, wisq inqas lill-Kunsill Lokali ta’ M’Skala. Jigi nnutat pero illi

saret konsultazzjoni da parti tad-Direttorat kemm mal-Kunzill Lokali ta’ Wied il-GHajn kif ukoll ma dak ta’ M’Xlokk u dana permezz ta’ ittra datata 11 ta’ Awissu 2004. […]

Jirrizulta wkoll illi ghalkemm fil-Project Description Statement anness mal-proposta, kien gie anticipat illi l-biomass ma kienx sejjer jeccedi dak ta’ ahmes elef tunellata fis-sena, l-permess inhareg soggett ghall-kundizzjoni illi dan ma jeccedix massimu ta’ disa elef tunnellata. Il-permess ma jimponi ebda kundizzjoni dwar in-numru ta’ operaturi illi jistghu jaghmlu uzuz mis-sit hlief illi jispecifika illi ghandhom jigu akkomdati dawk l-operaturi illi nhareg permess favur taghhom soggett illi jigu rikolati. […]

L-uniku tibdil sinjifikanti bejn l-applikazzjoni u l-permess mahrug huwa l-ammont massimu ta’ tunnellata ta’ tonn illijistghu jigu akkomodati, li zdied minn massimu ta’ hames tunnelati imsemmi fil-Project Description Statmenet ghal massimu ta’ disa’ tunellati imsemmi f’kundizzjoni fil-permess. […]

Fit-tieni lok, jirrizulta wkoll mill-Enviornmental Statement illi wara illi jinqabad it-tonn u jitqieghed fl-ixbieki biex jisemmen, il-piz tieghu kwazi jirdoppja u huwa ghalhekk illi, ghalkemm jidher illi l-kundizzjoni dwar il-biomass irdoppja, dan hu dovut biss, ghall-fatt illi l-piz jizdied kwazi d-doppju meta jissemmen gewwa l-gageg. Ghalhekk, dan ma jfissirx illi hemm dikrepanza bejn dak illi gie originarjament propost u dak illi gie finalment approvat, izda qieghed isir allowance ghall-fatt illi l-piz tat-tonn kwazi jirdopja meta jissemmen fil-gageg. […]

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa’ l-eccezzjoni preliminary tal-AWtorita’, jiddikjara illi l-appellanti ma kenux tenuti illi jappellaw stante illi ma prezentawx l-oggezzjonijiet taghhom entro t-terminu stipulat skond l-Artiklu 32 tal-Kap 356 u li ghalhekk l-appelli kollha huma nulli, u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom”

H. Id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell (kompetenza inferjuri), kawza numru 11, appell numru 22/2006 RCP, moghtija fl-10 ta’ Dicembru 2008, inter alia l-punti segwenti:

“Konkluzjoni

[…] din il-Qorti […] tilqa’ l-appell kif interpost mill-appellanti l-Assocazzjoni tal-Hwienet ta’ Wied il-GHajn u tal-GRTU fir-rikors taghha datat 22 ta’ Novembru 2006 fis-sens biss ta’ dak hawn deciz u b’hekk tannulla d-decizjoni appellate tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet “Fish & Fish Limited, Malta Fishafarming Limited,

Assocjazzjoni tal-Hwienet ta' Wied il-Ghajn u tal-GRTU u tal-Kunsill Lokali ta' Marsascala vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre For Fisheries Sciences'' tat-8 ta' Novembru 2006 in kwantu l-istess tikkoncerna l-appell ta' l-Assocjazzjoni tal-Hwienet ta' Wied il-Ghajn u tal-GRTU u tilqa' t-talba tal-Assocjazzjoni appellanti kif detotta fl-istess rikors tal-appell "

J. Il-verbal tas-Seduta numru 22 tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, mizmuma fl-10 ta' Lulju 2009, precizament il-punti segwenti:

"[L-Avukat] Dott. John Refalo jiddikjara illi l-appellanti m'humiex ser jintavolaw applikazzjoni a bazi tal-Artiklu 39(A) tal-Kap 356.

Id-difensur tal-appellanti jiddikajra illi l-appellanti m'ghandhomx xi provi xi jressqu.

Dr. De Gaetano qed izomm ferm l-eccezzjoni preliminari li kienet tat; illi l-istess appellant ma kienx appella mill-permess li nghatalu ghal fish farm u cioe' mill-kundizzjoni li jista' jkun jigi rilokat meta jinstab sit ghal fish farms kollha"

K. Ix-xhieda ta' Dott. Anthony Gruppetta, direttur hi hdan prodott mill-Appellanti, moghtija bil-gurament waqt is-Seduta numru 28, mizmuma fis-26 t' April 2011, kif gej:

"Ir-rilokazzjoni tal-Malta Fish Farming u tal-Fish & Fish Limited miz-zona fejn jinsabu illum ghaz-zona ta' l-Aquakultura li ahna insibuha bhala South East aquaculture zone, li qeghda bejn sitta u disa' kilometri l'barra miz-Zonqor Point, hija intenzjonata u kienet dejjem intenzjonata biss ghall-attivita' tat-tkabbir tat-tonn ta' dawn iz-zewg ditti. Qatt ma kien intenzjonat li ncaqalqu l-awrat u l-ispnott hemm barra, ghar-raguni li ghadu teknikament impossibbli li inti trabbi dak il-hut zghir hemm barra jekk mhux ha titfghu diga ta' 150 gramma jew iktar. Allura l-intenzjoni kienet biss ghalissa ghat-tonn.''

Ikkunsidra ulterjorment:

Il-mertu ta' dan l-appell minn terzi jirrigwarda permess sabiex f' arja li tinsab madwar sitt kilometri l-boghod mix-Xlokk ta' Malta, jigi zviluppat aquaculture zone ghat-trobbija ta' t-tonn.

Precedentement kienu diga' nhargu xi permessi (bhalma huma PA 6990/99, PA 2528/01 u PA 40/02) sabiex ikunu jistghu isiru penning farms ghat-tonn fil-partijiet ohra tal-bahar madwar il-gzejjer ta' Malta, izda dawk il-permessi kienu nhargu bl-intiza cara li galadarba jigu ddesinjati zoni apposta ghall-akwakultura, l-operaturi ta' dawn l-irziezet ikunu jridu jirrelokaw ghal dawk iz-zoni partikolari. Fil-fatt illum gew desinjati zewg zoni, wahda fit-tramuntana (xi tlett kilometri mill-Lvant t' Ghawdex) u l-ohra fix-Xlokk ta' Malta. Din ta' l-ahhar hi l-mertu tal-permess de quo.

In oltre, jirrizulta li l-intiza tal-Fish Farming Regulation and Control Division (gja' Fisheries Conservation & Control Division) fi hdan il-Ministeru ta' r-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, minn dejjem kienet li l-irziezet kollha li prezentement jinsabu vicin il-kosta (inshore), jigu rilokati gewwa zoni apposta l-barra mix-xtut.

Fil-fatt, min ezami tal-korrispondenza fil-file relattiv tal-permess in kwistjoni, jirrisulta li l-Malta Tourism Authority (MTA) per ezempju, kienet irregistrat il-prejokkupazzjoni taghha li l-attivita' tal-irziezet tista' tkun ta' detriment ghall-operturi turistici, izda sabet komfort fil-fatt li dawn issa kienu ser jigu kkoncentrati f' zona wahda u li tirrizulta hafna aktar il-barra miz-zoni frekwentati mit-turisti (red 21 fil-file). Din il-kwistjoni tal-bwonvicinat kienet diga' giet risolta in parte, ghax f' in-non-technical summary tal-EIA, hemm imnizzel li dghajjes li jkunu joperaw fl-aquaculture zone propost jkunu jidhru biss mix-xatt b' lenti qawwijja u mill-aktar postijiet gholja. (pagna 16)

Saru tlett appelli mill-hrug tal-permess (PAB 8/06, PAB 9/06 u PAB 15/06). Dan in ezami gie ntavolat mill-Assocjazzjoni tal-Hwienet ta' Wied il-Ghajn u l-GRTU - Chamber for Small and Medium Enterprises. Jirrizuta li l-Assocjazzjoni kienet irregistrat l-opposizzjoni taghha ghall-applikazzjoni izda ma' jidhirx li l-GRTU qatt issomettiet xi rapprezentazzjoni. Ghalhekk ghal kul bonfine irid jigi nutat li fil-kaz ta' dan l-appell, qed jigi kkunsidrat li l-GRTU qed tassocja ruhha mal-Assocjazzjoni tal-Hwienet ta' Wied il-Ghajn. Dan qed jinghad ghaliex l-appelli kienu f' xi zmien qed jinstemghu kontestwalment, izda l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien ta' decizjoni f'ir-rigward ta' eccezzjoni preliminari li kienet giet sollevata mill-Awtorita', cjoe' li l-appell kien sar fuori termine. Sussegwentement din id-decizjoni giet appellata, u l-Qorti ta' l-Appell iddecidiet li tirrinnvijat l-att kollha ta' dan il-process sabiex l-appell jerga' jigi determinat.

L-aggravji ta'-Appellanti huma bbazati fuq il-premessa li l-procedura li adottat l-Awtorita' fil-hrug ta' dan il-permess kienet kontra l-ligi, u jistghu jigi assunti kif gej:

• Li l-Appellanti ma nghatawx l-opportunita’ sabiex ikun jafu f’ id-dettal dak kollu li kien qed jigi propost, u ma nghatawx opportunita’ bizzejjed sabiex ikun jistaw joggezzjonaw.

• Il-permess kien jinhtieg li jsir Environmental Systems Analysis (ESA).

• Bil-hrug tal-permess, l-Awtorita’ halliet certa decizjonijiet f’ id-diskrezzjoni ta’ d-Direttur tas-Sajd, b’ dana li l-Appellanti sejrin isofru minn prejudizzji.

• Il-hrug tal-permess hu ta’ dannu ghan-negozjanti ta’ Wied il-Ghajn u ser ikun kawza ta’ hsara lill-bwonvicinat, b’ mod partikolari minhabba l-fatt li aktar minn nofs it-tonn kollhu li jikber fil-Mediterran ser jikber propju f’ din iz-zona ristretta. In oltre, l-Awtorita’ ma kkunsidratx dik il-parti tal-operazzjoni li trid issir fuq l-art.

Jigi rilevat li ghalkemm il-proposta publikata fil-gazzetti fil-5 ta’ Gunju 2004 ggib l-indirizz tas-sit bhala ‘site at South East of Malta, 6 km away from shore of Xrobb l-Ghagin, l/o Marsaxlokk’, l-EIS kien jindika s-sit bhala ‘South East of Malta, off Zonqor Point, Marsascala’. Anke l-konsultazzjoni pubblika li saret fl-1 u t-2 ta’ Dicembru 2005 (cjoe’ dik li saret fil-Corinthia Jerma Palace Hotel) tindika li l-proposta ser issir ‘il-barra minn Ras iz-Zonqor, Marsaskala.’ Ta’ min jinghad ukoll li fl-istess laqgha ta’ konsultazzjoni kienu mistiedna inter alia l-Kunsill Lokali ta’ Marsaskala, il-Koperattiva tas-Sajjieda, il-Federazzzjoni tas-Sajjieda Dilettanti, il-Komunita’ Kummercjali ta’ Wied il-Ghajn kif ukoll ghaqdiet ohra mhux governattivi.

Dan gie kkonfermat anke permezz tal-case officer’s report (DPAR) ta’ Dicembru 2005, fejn gew elenkati l-partijiet kollha li ssottomettw il-kummenti taghhom f’ ir-rigward tal-proposta in ezami (ara dokument FF7 fil-file PAB 09/06).

1. Ghalhekk, f’ ir-rigward ta’ l-ewwel aggravju, u cjoe’ li l-Appellanti ma nghatawx l-opportunita’ sabiex ikun jafu f’ id-dettal dak kollu li kien qed jigi propost u li ma nghatawx opportunita’ sabiex ikun jistaw joggezzjonaw, jirrizulta nfondat.

Mhemx dubbju li l-indirizz ta’ s-sit tal-proposta nbidel, u li kif tajjeb irrilevaw l-Appellanti, f’ ic-cirkostanzi, indirizz ‘off Zonqor Point, Marsaskala’ hu aktar preciz minn ‘off Xrobb l-Ghagin, l/o Marsaxlokk’, madankollu l-ewwel parti tas-site description tal-applikazzjoni dejjem baqghet taqra ‘South East of Malta’, u tenut kont tal-fatt li arja ta’ bejn disa’ u tmintax il-kilomteru kwadru l-barra fil-bahar, sitt kilometri l-boghod minn Xrobb l-Ghagin, tirrizulta prattikament daqstant il-boghod minn

Zonqor Point. Id-differenza hi zghira wisq sabiex tista’ titqies material consideration li tirrikjedi ir-ripubblikazzjoni kif titlob il-ligi. Di konsegwenza, dan it-Tribunal hu tal-fehma kkunsidrata li l-Awtorta’ ma’ mxietx hazin meta ddecidiet li ma’ tirripubblikax din l-applikazzjoni.

In oltre, kif jirrizulta mill-istess dokumentazzjoni fil-file, il-partijiet kienu involuti minn zmien bikri fil-process ta’ din l-applikazzjoni, sahansitra fit-tahdidiet pubblici li kienu saru meta l-proposta kienet giet ipprezentata ghall-iskrutinju bhala public consultation.

Kemm il-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk kif ukoll dak ta’ Marsascala kienu prezenti f’ dawn it-tahdidiet (rispettivament red 25, red 28A u red 28B fil-file PA 87/04), u minbarra ta’ l-Appellanti odjerni, kienu ntlaqghu wkoll rapprezentazzjonijiet inter alia mill-Ghaqda Kooperattiva tas-Sajd u l-Federazzjoni ta’ l-Ghaqdiet tas-Sajjieda Dilettanti ta’ Malta (red 20 u red 28C

fl-istess file).

2. F’ ir-rigward ta’ t-tieni aggravju, cjoe li l-proposta kienet tinhtieg ESA meta fil-fatt sar biss EIS, jigi nutat li permezz ta’ nota li l-istess konsulent tal-Appellanti odjerni pprezenta f’ ir-rigward ta’ appell iehor li nstema kontestwalment ma dan (Appell 15/06) , issir minflok riferenza ghal SEA.

Tajjeb li jigi kkjarifikat li l-akronimu ESA ifisser ‘Environmental Systems Analysis’, mentre SEA jfisser ‘Strategic Environmental Assessment’ – cjoe’, wahda tirriferi ghal metodologija u l-ohra ghall-ghodda fl-istess process, cjoe’ zewg affarijiet li huma ben distinti.

In ogni caso, jigi rilevat li l-process li mxiet bieh l-Awtorita’ jikkonforma perfettament ma’ r-rekwiziti elenkati f’ is-subinciz 6.3.2 (Category II Projects) ta’ Section 6.3 – Acquaculture ta’ l-Avviz Legali 114 tal-2007. Jigi rilevat ukoll li l-proposti ghall-progetti kif elenkati f’ it-tieni kategorijja ta’ l-iskeda IA huma inqas oneruzi minn dawk ta’ l-ewwel kategorijja. Il-partijiet tilevanti ta’ Part II – Types of Environmental Impact Assessment ta’ l-Avviz Legali rilevanti ghal kaz in ezami huma kif gej:

“3. (5) Subject to sub-regulation (6) of this regulation any development proposal which is submitted and falling within the scope of the threshold indicated in the schedule listed under Category II of Schedule IA to these regulations, shall require a limited environmental impact assessment by the preparation of an environmental

planning statement, unless the Authority refuses permission as stated in subregulation (2) of regulation 4 of these regulations;"

Dan ifisser li semplici EIS kien sufficjenti sabiex tigi ezaminata u kkunsidrata l-proposta in ezami.

3. Ghar-rigward ta' t-tielet aggravju, cjoe' li bil-hrug tal-permess, l-Awtorita' halliet certa decizjonijiet (u ghalhekk 'liberta' zejda) f' idejn u ghad-diskrezzjoni ta' d-Direttur tas-Sajd, b' dana li l-Appellanti sejrin isofru minn prejudizzju, jigi rilevat li permezz ta' l-Att II tal-2001 - Fisheries Conservation and Management Act (Kap 425), tali disposizzjoni diga' tezisti fil-ligi u ghalhekk ma' hemm xejn suspettuz jew irregolari fil-fatt li l-Awtorita' ddelegat certu decizjonijiet lill-istess Direttur. Il-Part IX – Aquaculture ta' din il-ligi, rilevanti ghal kaz in ezami tghid hekk:

"26. (1) No person shall install or operate an aquaculture establishment otherwise than under the authority of and in accordance with the conditions of an aquaculture permit granted by the Director under this Act. The issue of such permit shall be subject to consultation by the Director with the Chairman of the Authority for Transport in Malta and the Chairman of the Planning Authority with regard to the allocation of an appropriate site for the aquaculture establishment.

[…]

(3) An aquaculture permit shall be subject to such conditions as appear to the Director to be necessary or expedient for the regulation of aquaculture, the management of fisheries and the economic benefit of Malta and in particular a permit may contain, without prejudice to the generality of the foregoing - (a) conditions as to the siting, design and materials used in the construction of the aquaculture establishment; […]"

4. F' ir-rigward ta' l-ahhar aggravju, cjoe' li dan il-permess ser ikun ta' dannu ghan-negozjanti ta' Wied il-Ghajn, u li ser ikun kawza ta' hsara lill-bwonvicinat ghax l-Awtorita' ma kkunsidratx, per ezempju, dik il-parti tal-operazzjoni li trid issir fuq l-art, issir riferenza ghal diversi kundizzjonijiet fil-permess, bhalma huma 3(C), 5, 6, 10, 13, 14, 15 u 16, u b' mod partikolari l-kundizzjoni 8. Jidher li dawn huma ntizi sabiex jigi garantit li l-operat tal-acqualculture zone, la jkun ta' dannu ghall-ambjent ta' madwaru, u wisq inqas li ma' jiddegradax l-ambjent marittimu li jinsab fih.

In oltre, il-kundizzjoni 8 taghmila cara li l-permess hu limitat ghal attivita' fil-bahar. Mhux qed jigu approvati land base facilities, u kemm il-darba jkun hemm

bzonnhom, trid issir talba specifikatament ghalihom. Ghalhekk, jirrizulta li anke dan l-aggravju jinsab infondat.

L-Appellanti jinsistu li kien hemm diskrepanza bejn kif is-sit kien riklamat fil-gazzetti – u li d-deskrizzjoni kinet zbaljata jew addirittura misleading. In oltre jargumentaw li mis-survey sheets originali, s-sit kien jaqa' fil-'magguranza assoluta' tal-bahar fl-akwati ta' Wied il-Ghajn (Marsaskala), mhux Marsaxlokk, u meta' l-proposta giet sussegwentemet emendata, z-zona giet spustajta lejn it-Tramuntana.

Jagumentaw ukoll li dakinhar li nhareg l-EIA [recte EIS] fit-12 t' Ottubru 2005, u saret il-laqgha ta' konsultazzjoni ta' Dicembru 2005 (kif diga' suespost), is-sit kien diga gie spustjat 'il-barra minn Ras iz-Zonqor, Marsaskala', it-terminu perentorju stabbilit bil-ligi li wiehed ikun jista' joggezzjona kien diga' skada.

Dan jaghti l-wiehed x' jifhem li l-Appellanti gew ingannati meta' s-sit inbidillu postu, pero' minn harsa hafifa lejn id-DPAR johrog li l-Assocjazzjoni tal-Hwienet ta' Wied il-Ghajn kienu konspaevoli ta' din l-emenda ghax gja' permezz ta' ittri (indikati bhala red 16 u 17 fil-file PA 87/04) kienu rregistraw l-oggezzjonijiet taghhom ghal-proposta, propju meta l-Awtorita' kienet qeda tikkunsidra l-EIS.

Tajjeb li jigi nutat ukoll li d-DPAR jindika l-coordinates tal-aquaculture zone kif gej:

| Coordinate | Eastings | Northings |
|---|---|---|
| Top left corner | 14.643E | 35.893N |
| Top right corner | 14.677E | 35.893N |
| Bottom left corner | 14.643E | 35.866N |
| Bottom right corner | 14.677E | 35.866N |

L-EIS (kopja ta' dan id-dokument kienet anke ntbaghtet lill-Kunsill Lokali ta' Wied il-Ghajn, kif suespost), f' Table 1 – Coordintes of the proposed Aquaculture Zone jelenka propju l-istess coordinates. Dan ifisser li altro che l-partijiet ma' kienx infurmati precizament fejn il-proposta kienet intiza li ssehh. Ghalhekk, anke jekk l-indirizz inbidel, jidher car li l-partijiet kienu debitament avzati bil-proposta in ezami, u dan ma jnaqqas xejn mid-drittijiet taghhom.

Mill-banda l-ohra wiehed jista' jargumenta li galadarba nbidel is-sit, allura l-Awtorita' kien imissha ghamlet ripubblikazzjoni. Izda dan mhux il-kaz, ghax galadarba saret l-EIS, allura emendi –bhalma huma l-ispustjar jew re-siting – huma proceduri ammessi f' kwalsiasi process tal-EIS, li wara kollox ghandu l-ghan li tigi studjata l-proposta u kif l-ahjar tigi sited sabiex tohloq impatt izghar u/jew kif dawn l-istess mpatti jistghu jitghaffew.

Fil-fatt, il-process tal-EIS jikkontendi inter alia li tigi ridimensjonata l-proposta, jew li jinbidlilha s-sit. Wiehed jista jghid allura li ad intendere, EIS hu marbut ma' proposta u z-zona fejn hu ntiz li jsir, izda mhux specifikament mal-konfini ta' sit definit. Terga tghid, is-sit odjern jinsab fil-bahar u ghalhekk konfini ta' plot jew site kif wiehed jifhem li jezistu fuq l-art ma' japplikawx.

Jidher car li originarjament l-acquaculture zone kienet proposta ftit izjed lejn in-Nofsinhar ( u allura relattivament akar 'vicin' Xrobb l-Ghagin milli Ras iz-Zonqor), izda peress li din kienet tahbat mal-maritime traffic waiting area uzata mill-bastimenti li jkunu dehlin il-Malta Freeport jew il-port ta' Marsaxlokk, l-awtoritajiet iddecidew li jispustjawha ftit aktar il-fuq (u allura aktar 'vicin' Ras iz-Zonqor), milli kienet precedentement proposta. L-Awtorita', permezz tad-DPAR tikkontendi li tali spustjament habat tajjeb ghaliex issa s-Sikka tan-Nofs u sikkek ohra mportanti jaqaw il-barra mill-konfini ta' l-acqualculture zone in ezami.

In oltre, f' ir-rigward tal-biomass, jigi rilevat li huwa minnu li l-proposta kienet ghal hames t-elef tunnellata, izda mhux kif allegat mill-Appellanti, li fil-permess odjern din zdiedet ghal disa' t-elef tunnellata. Il-kundizzjoni 6 tal-permess taghmila cara li disa' t-elef tunnellata huma l-massimu li jista' jinzamm f' iz-zona f' moment partikolari, u dan tenut kont tal-fatt li t-tonn jibda b' biomass ta' hames t-elef tunnellata u meta jasal sabiex jinqatel ikun kwasi rdoppja fil-piz.

F' l-ahharnett, huwa wkoll minnu li minn talba ghal erba' rziezet gew approvati sitta u li l-acqualculture zone ckienet minn 18 ghal 9 kilometri kwadri; izda z-zona li kienet originarjament intiza sabiex takkomoda l-irziezet kollha ta' Malta llum spicat biex tirriloka biss dawk li hemm f' in-nofs in-nhar - u ghalhekk bhala arja utili kien jinhtieg li tonqos ukoll. Huwa propju minhaqbba l-fatt li l-proposta ghandha l-ghan li tirreloka inshore penning farms mxerrda kullimkien f' postijiet centralizzati, f' bahar fil-fond u l-boghod mix-xatt – li timmerita approvazzjoni.

Dan ifisser ukoll li inter alia ser jigu salvagwardjati diversi interessi – turistici, ambjentali, etc. Barra minn hekk, peress li l-aggravji ta' l-Appellanti huma wkoll infondati, dan l-appell ma jimmeritax kunsiderazzjoni favorevoli.

> Ghalhekk, in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, u fuq kollox sabiex ikun konformi mal-policies tal-ippjanar vigenti, dan il-Tribunal qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-istess u jikkonferma l-permess ghall-PA 87/04 kif mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, fit-22 ta' Dicembru 2005.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It Tribunal naqas li jiddertermina l-aggravju tal-appellant li dan l-izvilupp kien jinnecessita strategic environment assessment (SEA) kif stabbilit fid-Direttiva 2001/42/EC li ghalkemm il-pajjizi membri inghataw sa Lulju 2004 biex jimplimentawha f'Malta giet introdotta bl-Avviz Legali 497 tal-2010. Madankollu gie sottomess illi tali nuqqas ma jipprekludix lil Awtorita milli jikkonformaw mad-direttiva. It-Tribunal injora dan l-aggravju u qal biss illi l-MEPA segwit il-procedura ta' environment impact assessment stabbilit bl-Avviz Legali 114 tal-2007, liema Avviz Legali bhal dak koncernanti l-SEA dahal in vigore wara li l-Awtorita kienet akkordat il-permess;

2. It-Tribunal ma ikkunsidrax ukoll illi ghalkemm skond il-Kap. 425 persuna ghandha bzonn permess mid-direttur tas-sajd biex topera fish farm ma stabbiliex jekk id-direttur inghatax delega mill-ligi tal-ippjanar stess permess ta' Avviz Legali biex jassumi funzjonijiet afdati lil Awtorita. Minghajr tali delega l-poteri tad-direttur huma ultra vires, u kwindi l-permess hu null ghax ma saritx il-prova tad-delega;

3. It-Tribunal ghamel konsiderazzjonijiet irrelevanti ghal kaz meta jghid li bil-permess ser jigu salvagwardati diversi interessi. Dan ma setax ighidu jekk ma jsirx SEA, u ma setax iwassal ghac-cahda tad-drittijiet ta' haddiehor.

**L-ewwel aggravju**

Hu minnu illi l-appellanti qajmu aggravju fis-sens li kellu jsir strategic environmental assessment skond id-direttivi u regolamenti vigenti in partikolari dawk Ewropej, u kif rikjesta minn applikazzjoni bhal din in konsiderazzjoni cioe maghmula mid-direttur tac-centru tal-acquakultura. Harsa lejn l-atti pero ma jidhirx li f'ebda hin l-appellant elabora wisq fuq il-

kwistjoni izda halla l-istess aggravju jigi meqjus bil-mod li bih sar cioe b'mod generiku. Issa l-appellant isostni illi t-Tribunal naqas li jiddetermina dan l-aggravju. Il-Qorti mhix konvinta li hekk hu l-kaz. It-Tribunal spjega f'hiex kien jikkonsisti l-izvilupp li jimplika b'mod car li kien konsapevoli ta' dak li kien issottometta l-appellant bl-aggravju. Pero l-istess Tribunal ikkonkluda illi t-tip ta' zvilupp propost kien tali cioe ta' portata limitata li kien jinkwadra ruhu fl-Avviz Legali 114 tal-2007 bhala Category II Projects u skond ir-rekwiziti elenkati fis-subinciz 6.3.2 fejn allura kien mehtieg biss environment impact assessment precizament minhabba n-natura limitata u lokali tieghu. F'dan il-kuntest ta' ligi ad hoc bazata ai termini tal-Kap. 356 (Development Planning Act kif kienet dak iz-zmien) u Kap 435 Environment Protection Act fuq it-tip ta' zvilupp propost, it-Tribunal wasal ghal konkluzjoni implicita illi ma kienx hemm il-htiega li jigi investigat il-bzonn li jsir SEA cioe zvilupp b'effetti benefikanti fuq l-ambjent u dan bla ma ikkunsidra jekk id-direttiva kinitx jew le applikabbli fil-mument li ittiehdet id-decizjoni, tenut kont li dahlet fis-sehh wara l-intavolaw tal-applikazzjoni u wara d-decizjoni tal-Awtorita. It-Tribunal ghalhekk ikkonsidra kemm il-ligi Maltija u d-direttiva Ewropea, fid-determinazzjoni tieghu.

Il-Qorti tintervjeni f'cirkostanzi fejn aggravju ta' sustanza u li jimpingi fuq l-ezitu tal-vertenza jigi skartat bla ma jigi kunsidrat jew jigi kunsidrat bla ma tittiehed decizjoni motivata. Dan mhux kaz li jidhol f'dawn il-parametri. Mhux kompitu jew poter ta' din il-Qorti li taghti hi l-fehma ta' liema Avviz Legali kellu jigi applikat cioe hux il-114 tal-2007 fl-ambitu tal-ligi nostrana kif addottat mit-Tribunal jew l-Avviz Legali 497/2010 li dahhal fis-sehh id-Direttiva 2001/42/EC fejn ghandu jsir SEA li jirrigwardaw certi pjanijiet jew progetti sinifikanti ta' awtorita pubblika. Interpretazzjoni ta' x'inhu applikabbli fil-kuntest ta' ippjanar u studji li jridu jsiru huma fdati f'idejn l-Awtorita u t-Tribunal, u darba li aggravju jigi kunsidrat u deciz billi jkun sar analizi teknika ta' dak applikabbli, mhux kompitu tal-Qorti li tiddisturbah. Dan jinghad ukoll ghaliex tali aggravju kif maghmul mill-appellant hu intiz fis-sens li ma giex determinat. Il-fatti juru li gie determinat b'applikazzjoni ta' ligi partikolari fuq ohra u jekk ma hemmx qbil fuq il-konkluzzjoni, din ma tistax tigi attakkata taht il-mant ta' nuqqas ta' determinazzjoni tal-punt. Hemm differenza bejn nuqqas ta' determinazzjoni u determinazzjoni mhux kif mixtieq.

Ghalhekk l-aggravju kif indirizzat qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

Il-Qorti ma taqbilx mal-appellant illi d-direttur tas-sajd kien mehtieg xi delega tal-poteri tal-Awtorita. F'dan il-kaz l-appellat talab li jinghata permess ghal zvilupp. Dan il-permess gie akkordat in segwitu ghad-determinazzjoni tal-fatti u studji li saru u li fil-fehma tal-Awtorita dehrilha li huma idoneji biex jinghata tali peremss. It-Tribunal iddecieda dan l-aggravju billi hu iddetermina li l-Kapitolu 425 gia fih innifsu fl-artikolu 26(1) jahseb ghal modalita ta' kif jinghataw licenzji ta' operazzjoni ghal 'acquaculture establishment' liema modalita hi esplicita fl-istess artikolu. Ma hemm ebda delega ta' poter mill-Awtorita ghad-direttur tas-sajd rigwardanti l-izvilupp innifsu. L-izvilupp per se cioe jekk jigix stabbilit fish farm f'sit partikolari fil-gzejjer Maltin xorta jrid jinkiseb permess ghalih mill-Awtorita tal-Ippjanar pero darba li jinhareg il-permess il-kondizzjonijiet ta' operazzjoni li hu distint mill-permess ghall-izvilupp innifsu ghandu jistabbilihom ex lege d-direttur tas-sajd. Kwindi ma hemm ebda delega ta' poter kif qed jallega l-appellant. Il-poter ghall-approvazzjoni tal-izvilupp kien u baqa' f'idejn l-Awtorita. Hu biss il-licenzja u l-kundizzjonijiet taghha li huma fdati f'idejn id-direttur tas-sajd kif jigri f'hafna dipartimenti governattivi.

Kwindi l-aggravju ma fihx mertu fil-ligi.

**It-tielet aggravju**

Dan l-aggravju wkoll ma fihx mertu. It-Tribunal, minghajr ma dahal fi kwistjoni li setghet sostanzjalment taffettwa l-ezitu tat-talba, ikkunsidra li l-izvilupp fih innifsu bil-kundizzjonijiet impost fil-permess kien jissalvagwardja kemm interessi turistici u ambjentali u dan b'risposta ghall aggravju tal-appellanti dwar id-dannu li jista' jigi kagonat lilhom bil-hrug tal-permess. It-Tribunal tratta l-kwistjoni li hi wahda fattwali u ta' ippjanar u li fuqha ma hem ebda jedd ta' appell billi strettament ma tirrigwardax punt ta' ligi appellabbli. In ogni kaz it-Tribunal ikkunsidra l-kwistjoni mill-punto d'ottieka tal-fatti quddiemu inkluz l-enviornment impact assessment rilevanti ghal kaz.

Ghalhekk dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-27 ta' Settembru 2012, bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------